MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1872/2003

**Paul u Carmen konjugi Mifsud**

**Vs**

**Raymond u Adelaide konjugi Galea**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' sitt mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm623.93c) rapprezentanti materjal u xoghol ta' hjata li gie kkonsenjat lill-konvenuti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenuti fl-ewwel lok qalu illi t-talba ta’ l-atturi hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16.

Fit-tieni lok qalu li t-talba ta’ l-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol imsemmi ma sarx skond is-sengha u l-arti kif ukoll mhux ikkonsenjat u/jew kompletat tant li l-konvenuti kellhom jinkarigaw persuni ohra wara li talbu diversi drabi lill-atturi sabiex jikkonsenjaw ix-xoghol in kwistjoni.

Ra l-Kontro-Talba tal-konvenuti fejn qalu li l-atturi ghandhom ihallsu lilhom is-somma ta’ tlieta u sebghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm73.62c) rapprezentanti hlas ta’ xoghol li ma giex ikkonsenjat jew kompletat mill-atturi, ma kienx skond is-sengha u l-arti u l-konvenuti kellhom wara li talbu diversi drabi lill-atturi sabiex jikkonsenjaw ix-xoghol u dawn baqghu inadempjenti, inkarigaw persuni ohra biex jaghmlu tali xoghol u dan kif jidher mid-dokument RG1.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta’ l-attur Paul Mifsud fejn jikkonferma li kienu ghamlu xi xoghol lill-konvenuti u ma hallsuhomx.

Jghid illi l-kont kien hareg f’Lulju 2001 u f’Dicembru 2002 kienu rcevew cekk bl-ammont imnaqqas.

Jikkonferma li l-mara tieghu Carmen Mifsud kienet hadet xi oggetti biex tirrangahom u regghet tathom lura lill-konvenuti. Jichad li kien hemm xi affarijiet li ma gewx ikkonsenjati. Jghid illi whud mill-affarijiet li gew ikkonsenjati lill-konvenuti kienu x-*sheers*.

Ra x-xhieda ta’ Carmen Mifsud fejn tikkonferma li qal Paul Mifsud fix-xhieda tieghu. Tikkonferma wkoll illi ma kellhomx sistema ta’ rcevuti.

Fil-kontro-ezami tikkonferma li hi ddecidiet sabiex tnaqqas l-ammont tax-*sheers* biex tiehu l-ammont totali ta’ sitt mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm623) u mhux ghaliex

accettat li x-*sheers* kienu ghandha. Tikkonferma wkoll illi l-konvenut kien mar ghandha u qallha li ser imur jaghmel ix-*sheers* ghand xi haddiehor.

Mifsud tghid illi l-konvenut kien gab xi affarijiet sabiex taghmel xoghol riparattiv. Dawn kienu *bedspreads* li l-konvenut qal li kellhom tebgha izda fil-fatt kien *damage* fil-materjal u wahda mix-*sheers* li kellha erba’ stitches imnaqqsin minhabba li zelqet is-sieq tal-magna.

Tghid ukoll illi x-xoghol in kwistjoni kien ghat-tieg tat-tifla tal-konvenut. Tikkonferma li l-ewwel darba li l-konvenut ilmenta dwar ix-xoghol kien wara xahar mit-tieg.

Ra x-xhieda ta’ Ramon Buhagiar, prodott mill-atturi, fejn jikkonferma li Carmen Mifsud tixtri materjal minghandhom.

Esebixxa rcevuta fejn jidher li xtrat materjal tax-*sheers* u jikkonferma illi bhala *sheers* mhux kollha bl-istess prezz, skond it-tip ta’ materjal.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jikkonferma li huma kienu ordnaw il-purtieri minghand l-atturi. Jghid illi l-materjal inxtara minghand il-Mithna, Birkirkara.

Jikkonferma illi kienu rcevew il-konsenja tax-xoghol lest wara sentejn. Jghid li x-xoghol in kwistjoni mhux kollu kien lest. Jghid ukoll illi minhabba li t-tieg kien vicin kellhom izommu x-xoghol bid-difetti li kellu. Wara li taw dawn l-affarijiet lura lill-atturi, x-*sheers* qatt ma regghu gew lura lill-konvenuti. Il-konvenut jghid illi kemm-il darba avzaha izda l-istess attrici kienet tghidlu sabiex itiha ftit cans ghaliex kellha ragunijiet personali.

Fil-kontro-ezami jikkonferma li ta cekk full lill-attrici hlief l-affarijiet li kienu ghandha. Ma jiftakarx il-prezz u kemm xtara metri ta’ *sheers* minghand il-Mithna.

Ra x-xhieda tat-tifla tal-konvenuti, Olivia Cutajar, fejn tikkonferma li meta l-attrici hadet ix-xoghol huma ma kienux kuntenti partikolarment b’zewg *bedspreads* u x-

*sheers*. Tikkonferma wkoll li x-*sheers* qatt ma gew irritornati lura u ghalhekk il-konvenuti xtraw *sheers* godda.

Fil-kontro-ezami Cutajar tghid illi ma tafx jekk saritx xi offerta sabiex jitnaqqas xi ammont dovut lill-attrici.

Ra x-xhieda ta' Edwin Muscat fejn jikkonferma li l-konvenuta kienet ghamlet ordni ta' *sheers*. Jghid illi l-konvenuta kienet hallset is-somma ta' tlieta u sebghin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm73.66c) li jinkludi anki x-xoghol ta' l-idejn.

**Ikkunsidra**

Illi l-ewwel eccezzjoni hija li t-talba attrici hi preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili. Dan l-Artikolu jipprovdi li:

"Actions of tailors, shoemakers, carpenters, masons, whitewashers, locksmiths, goldsmiths, watchmakers and other persons exercising any trade or mechanical art for the price of their work or labour or the materials supplied by them are barred by the lapse of eighteen months."

Il-kont esebit huwa datat 6 ta' Lulju, 2001 u l-atturi pprezentaw il-kawza fl-24 ta' Settembru, 2003. F'dan il-kaz l-atturi ma talbux hlas tax-xoghol taghhom biss izda huma kienu nkarigati li jaghmlu xoghol u li jipprovdu l-materjal. L-attur Paul Mifsud spjega li l-atturi jiggestixxu negozju ta' purtieri. Illi kif intqal fil-kawza **Langdale Vs Jon David Limited – Appell PS 3 ta' Novembru, 2004** l-Artikolu 2148(a) ma japplikax meta l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, izda l-prodott tax-xoghol. Inoltre l-konvenut hallas lill-attur permezz ta' cekk liema cekk gie rritornat. Ghalhekk huma accettaw li kien hemm ammont dovut. Dan ic-cekk intbaghat f'Dicembru 2002 u l-kawza saret entro t-tmintax-il xahar minn dik id-data. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hi michuda.

Illi fit-tieni eccezzjoni l-konvenuti qalu li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u/jew kompletat. Illi l-konvenuti

ma talbux li jigi nominat Espert sabiex ix-xoghol jigi ezaminat. Huma kellhom igibu l-provi li x-xoghol ma sarx skond is-sengha. Illi l-konvenuti lmentaw minhabba d-dewmien fix-xoghol izda m'hemmx provi dwar ftehim dwar meta kellu jitlesta x-xoghol.

Il-konvenuti pprezentaw Kontro-Talba fejn talbu l-ammont li hallsu lil terzi biex jaghmlu x-xoghol mhux kompletat jew hazin.

Bhala fatt jirrizulta li l-atturi talbu l-hlas ta' sitt mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm623.93c). Originarjament il-kont taghhom kien ta' sitt mija u hamsin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm650.93c). Fl-Ittra ta' l-atturi datata 22 ta' Dicembru, 2002 l-atturi qalu li kienu lesti jnaqqsu sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm27).

Il-konvenuti kienu baghtu cekk ta' hames mija u tmienja u sebghin lira Maltin (Lm578).

Illi wara li kkunsidra l-fatti kollha tal-kaz dan it-Tribunal jikkonkludi li l-atturi accettaw li jnaqqsu l-kont b'sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm27) izda bhala fatt il-konvenuti sabiex jirrangaw id-difetti kellhom ihallsu tlieta u sebghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm73.62c). Illi x-xhieda tal-konvenuti dwar dan hija kredibbli. Illi jekk hemm xoghol difettuz dan irid jigi rrangat u s-skont li nghata ma kienx bizzejjed biex il-konvenuti jirrangaw id-difett. It-Tribunal jilqa' l-Kontro-Talba.

Ghaldaqstant jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ammont ta' hames mija u tmienja u sebghin lira Maltin (Lm578). Billi l-konvenut kien offra li jhallas dan l-ammont liema ammont ma giex accettat l-atturi ghandhom jigu kkundannati jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------